MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Mandat Numru. 134/2013/1

**John Mary Grech u martu Mary Ann Grech**
**vs**
**Michael Galea u martu Josephine Galea**

**Il-Qorti**

Rat it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni tad-29 ta’ Jannar 2013 milqugh provvizorjament fl-istess jum;

Rat ir-risposta tal-intimati tal-1 ta’ Frar 2013;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta’ Frar 2013.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob

il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Ir-rikorrenti qed jitolbu li l-Qorti tinibixxi lill-intimati milli jaghlqu jew jostakolaw l-access ghall-ghelieqi tar-rikorrenti mill-propjeta tal-intimati tramite passagg mill-propjeta tal-intimati. Hu ammess mir-rikorrenti illi l-access gie maghluq b'xatba tal-hadid u materjal iehor u ghalhekk ir-rikorrenti ma ghandhomx aktar l-access li kienu jgawdu, bi pregudizzju serju ghar-rikorrenti.

L-intimati irrispondew illi r-rikorrenti ghandhom access iehor ghal proprjeta taghhom u l-access li qed jilmentaw fuqu kien jintuza biss bil-buona volonta tal-intimati minghajr ma gie koncess ebda dritt u inoltre ebda pregudizzju ma qed jikkawza lir-rikorrenti li jista jissejjah irrimedjabbli.

Il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti ex admissis iddikjaraw illi l-access li huma jallegaw li kellhom mill-passagg hu maghluq u safa maghluq qabel infetah dan ir-rikors. L-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu sabiex xi hadd jigi mizmum milli jaghmel xi haga li bih jistghu jigu lezi drittijiet prima facie u li jekk dawn id-drittijiet ma jigux protetti d-dannu soffert ser ikun irrimedjabbli.

F'dan il-kaz, anki jekk ghal grazzja tal-argument hemm dritt x'jigi protett, dan id-dritt ma jistax jigi protett b'dawn il-proceduri billi dak li qed jintalab jigi mizmum gia sehh u

ghalhekk ma tistax tigi utilizzata din il-procedura ghal protezzjoni tad-dritt allegat, izda semmai proceduri legali ohra.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni billi dak li qed jintalab li jigi inibit gia fil-fatt sehh. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------